**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 18/2020 RM**

**S&A Quality Assurance Surveyors "Limited", żieda awtorizzata b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2020**

**-Vs-**

**Lifts Services Limited (C 5543)**

**Illum, 3 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjeta' S&A Quality Assurance Surveyors Limited fir-Reġistru fit-30 ta' Jannar 2020 fejn talbet li s-soċjeta' konvenuta Lifts Services Limited tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' ħamest elef, seba' mija u għaxar Ewro u tletin ċenteżmu (€5,710.30) flimkien ma' l-imgħax legali mis-7 ta' Mejju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv bilanċ ta' ħlasijiet dovuti lir-rikorrenti għall-servizzi ta' spezzjonijiet ta' "lifts" reżi mis-soċjeta' rikorrenti liema ħlasijiet ġew miġbura minnek għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti mingħand il-klijenti li lilhom ġew reżi s-servizzi ta' spezzjonijiet fuq imsemmija għall-perjodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u t-28 ta' Ottubru, 2017 u minnek miżmuma illegalment u mhux mħallsa lis-soċjeta' rikorrenti skond il-

ftehim ta' bejnek u bejn l-istess soċjeta' rikorrenti, kif aħjar jirriżulta mill-iskeda hawn annessa bħala Dok A.

Rat ir-Risposta pprezenta mis-soċjeta' konvenuta Lifts Services Limited fil-24 ta' Novembru 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi l-ewwel u qabel xejn, is-soċjeta' attriċi għandha tipprova li verament marret on-site sabiex tagħmel l-ispezzjonijiet li kellha tagħmel qabel toħroġ kwalunkwe ċertifikat ta' assikurazzjoni.*
2. *Illi kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża, ċertu Louise Cuschieri, li dak iż-żmien kienet impjegata tas-soċjeta' intimata u li kienet ingaġġata sabiex tagħmel xogħol klerikali, inkluż toħroġ il-kontijiet, kella kunflitt ta' nteress kbir bejn il-partijiet f'din il-kawża, tant illi s-soċjeta' intimata ma għandha l-ebda fiduċja li l-kontijiet allegatament huma dovuti minnha, lis-soċjeta' attriċi, huma veri u jirrappreżentaw is-servizzi li ġew verament reżi.*
3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2020, ġie awtorizzat li tiżdied il-kelma "Limited" wara l-kelma "Surveyors" sabiex l-isem korrett jiġi jaqra "S&A Quality Assurance Surveyors Limited" u ġie awtorizzat ukoll li fl-isem tas-soċjeta' konvenuta, il-kelma Lift jiġi sostitwit bil-kelma "Lifts" biex l-isem korrett tas-soċjeta' konvenut jiġi jaqra "Lifts Services Limited";

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' attriċi fl-1 ta' Frar 2023 kif awtorizzat;

Rat illi n-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta’ konvenuta fil-11 ta’ April 2023, ġiet ippreżentata tardivament;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għall-ħlas ta’ servizzi allegatament mogħtijia mis-soċjeta’ attriċi, konsistenti f’ispezzjonijiet ta’ lifts ta’ terzi persuni fuq inkarigu tas-soċjeta’ konvenuta.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta ġiet ippreżentata tardivament għaliex filwaqt li fis-16 ta’ Frar 2023 hija ngħatat żmien sat-30 ta’ Marzu 2023 sabiex tippreżenta din in-nota, jirriżulta li dan iż-żmien skada irrimedjabbilment mingħajr ma ntalbet u mingħajr ma ngħatat estensjoni tat-terminu mogħti għal dan l-iskop. Għaldaqstant, billi t-terminu skada irrimedjabbilment, m’hijiex sejra tieħu qies ta’ din in-nota fid-deliberazzjoniijet tagħha.

Is-segwenti hija sintesi tax-xhieda saljenti li l-Qorti tqis li hija relevanti għall-fini tad-determinazzjoni tal-mertu tat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta.

**Emanuel Scerri** xehed illi huwa inġinier kwalifikat u direttur tas-soċjeta’ attriċi li topera fis-settur tal-lifts u hija akkreditata min-National Accreditation Body biex twettaq spezzjonijiet fuq lifts. Fisser illi bħala parti min-negozju tagħha, is-soċjeta attriċi twettaq tramite l-inġinieri tagħha, spezzjonijiet fuq lifts li jkunu jaqgħu biex jiġu regolati statutorjament fosthom mill-Avviż Legali 231 tal-2007. Huwa xehed illi l-ispezzjonijiet tal-lifts isiru fuq talba tal-persuna responsabbli għal-lift li ġeneralment ikun is-sid tal-fond fejn ikun istallat il-lift jew l-amministratur tal-blokka, fejn imbagħad jiġi skedat appuntament b’ko-ordinazzjoni bejn is-soċjeta’ attriċi u l-*maintenance contractor*, f’dan il-każ Lifts Services Limited. L-ispezzjoni nnifisha titwettaq fil-prezenza ta’ addett tal-kuntrattur li jakkumpanja lill-inġiniera tas-soċjeta’ attriċi u in segwitu, jinħareġ ċertifikat tal-ispezzjoni fejn jitniżżel l-isem tal-inġinier li

jkun wettaq l-ispezzjoni. Fost l-inġiniera tas-soċjeta' attriċi kien hemm ibnu stess, Dion Scerri, u ċertu Emanuel Buttiġieg.

Skont Emanuel Scerri, ir-relazzjoni bejn is-soċjeta' attriċi u Lifts Services Limited bdiet fl-2012 u tinsab regolata permezz ta' skrittura ("*QS-F18 Invoicing Agreement*"[1]) fejn ġie miftiehem li l-prezz dovut lis-soċjeta' attriċi għall-ispezzjonijiet tal-lifts li twettaq fuq inkarigu tal-klienti tas-soċjeta' konvenuta, jiġi inkluż fil-fattura li tinħareġ minn Lifts Services Limited stess. Spjega illi dan il-ftehim bil-miktub huwa rikjest min-National Accreditation Body Malta għall-fini tal-akkreditazzjoni skont il-liġi, billi huwa projibit il-ħruġ ta' kont għal spezzjoni ta' lift, direttament mill-inġinier lill-klient.

Emanuel Scerri fisser ukoll fix-xhieda tiegħu kif taħdem is-sistema tal-ħruġ tal-kontijiet tal-ispezzjonijiet, regolata mill-ftehim bil-miktub, fejn il-kont finali li jinħareġ lill-klient, jinħareġ mill-kuntrattur, f'dan il-każ Lifts Services Limited u jkun fih (i) id-dritt dovut lill-inġinier, (ii) il-kont tal-kuntrattur innifsu għas-servizz ta' assistenza provdut għall-fini tal-ispezzjoni u (iii) ir-rapport tal-inġinier. Fil-fatt, il-klient huwa obbligat jibgħat kopja tar-rapport tal-inġinier kull sena lill-Malta Accreditation Authority (MCA) f'każ ta' lift domestiku u lill-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) kull sitt xhur f'każ ta' lift kummerċjali. Il-persuna responsabbli mbagħad tħallas l-ammont globali tal-kont lis-soċjeta' konvenuta Lifts Services Limited li mbagħad, min-naħa tagħha tħallas lis-soċjeta' attriċi sehemha mill-kont. Normalment is-soċjeta' attriċi kienet tirċievi kopja tal-kont li s-soċjeta' konvenuta kienet tibgħat lill-klient.

Emanuel Scerri xehed illi qabel l-2017 huwa kien jinnegozja ma' Charles Farrugia, li kien id-direttur tas-soċjeta' konvenuta dak iż-żmien, iżda għall-ħabta tal-2017 beda jinduna li għalkemm l-ispezzjonijiet baqgħu jsiru u r-rapporti baqgħu jintbagħtu lis-soċjeta' konvenuta, il-ħlasijiet waqgħu lura u bdew jakkumulaw. B'referenza għall-istatement Dok. A, ikkonferma li dan fih lista ta' spezzjonijiet li kienu twettqu iżda

[1] Dok. ES1, paġba 50 u 51 tal-atti tal-kawża.

minkejja li jkun intbagħat ir-rapport u l-kont tal-inġinier lis-soċjeta' attriċi, il-ħlas relattiv baqa' qatt ma sar. Xehed ukoll illi meta bagħat l-ewwel *statement* bil-lista tal-ispezzjonijiet appena msemmija lis-soċjeta' konvenuta, ġie infurmat ma kienu rċevew xejn u talbu li l-i*statement* jerġa' jintbagħat.

Fir-rigward ta' Louise Cuschieri, Emanuel Scerri xehed illi huwa ilu jafha diversi snin għaliex kienet taħdem ma' Lifts Services Limited u madwar ħames snin qabel, kien talabha tgħinu ftit fix-xogħol tal-uffiċċju tas-soċjeta' attriċi peress li dak iż-żmien ma setgħux ilaħħqu max-xogħol. Ikkonferma, madankollu, li hi qatt ma kellha x'taqsam mal-kompilar ta' dokumenti u kienet taħdem biss fuq stampar u envelops.

**Emanuel Buttigieg** xehed li huwa kwalifikat fost oħrajn fl-inġinerija u jinsab ukoll akkreditat min-National Accreditation Body biex iwettaq spezzjonijiet fuq lifts. Kien impjegat bħala inġinier fuq *bażi part-time* mas-soċjeta' attriċi bejn l-2005 u Jannar 2017 u xogħlu kien li jispezzjona *passenger hydraulic lifts* u *traction lifts* u abbażi tal-ispezzjoni relattiva, joħroġ rapport (sample report Dok. EB4). Spjega illi huwa kien iżomm *database* bid-dati tal-ispezzjonijiet li jmiss tal-lifts li jkun iċċertifika u meta kienu jaslu għall-ispezzjoni, kien iċempel lill-kuntrattur involut, fosthom lil Lifts Services Limited, biex jiffissa l-appuntament u jibgħat persuna biex jassistih waqt l-ispezzjoni. Ikkonferma li huwa kien iċċertifika l-lifts indikati fuq l-istatement Dok. A b'sinjal magħmul bil-lapes.

**Dion Scerri**, inġinier impjegat mas-soċjeta' attriċi xehed illi huwa beda jagħmel spezzjonijiet għas-soċjeta' Lifts Services Limited fl-2017 u għamel spezzjonijiet f'dik is-sena biss u ftit oħra fis-sena 2018. Spjega l-proċedura li kien jaħdem biha fir-rigward ta' spezzjonijiet ta' lifts: mid-database tal-kumpannija jiġu identifikati dawk il-lifts tal-klienti li jmissu għal spezzjoni skont kif speċifikat fl-Avviż Legali 321 tal-2007, imbagħad hu jikkomunika mal-*maintenance contractor* li huwa l-kumpannija li jkollha *service agreement* mas-sid jew il-persuna responsabbli għal-lift, biex dan jiffissa appuntament fl-indirizz fejn jinsab istallat il-lift tal-klient fejn hemmhekk issir

l-ispezzjoni tal-lift bl-assistanza ta' *technician* ingaġġat mill-kuntrattur[2]. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-sistema li kienet tħaddem is-soċjeta' attriċi kienet li tibgħat lill-*maintenance contractor* lista ta' klienti li kien imisshom għal spezzjoni tal-lift rispettiv tagħhom biex jiġu ffissati numru ta' appuntamenti fl-istess ġurnata. Matul dawn l-ispezzjonijiet jimtela *module* mill-inġinier, magħruf ukoll bħala *preventive inspection check-list*[3] filwaqt li t-*technical manager* tal-kuntrattur jimla rapport[4] u r-rapport jiġi mgħoddi lill-kuntrattur li min-naħa tiegħu jikkonferma li x-xogħol ikun sar u jipproċessa l-kont relattiv. Is-soċjeta' attriċi mbagħad toħroġ invoice lill-*maintenance contractor* biex dan jibgħat il-kont sħiħ lill-klient.

**Eugenio Bugeja** li kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta, xehed illi huwa kien imur jassisti lill-inġinier waqt l-ispezzjonijiet tal-lifts fejn l-inġinier kien jimla l-formola dak il-ħin filwaqt li huwa kien jimla l-formola tal-kumpannija bid-dettalji tal-ispezzjoni relattiva, liema dokument kien jiġi ffirmat mis-sid tal-fond fejn ikun istallat il-lift.

**Edward Pirotta** xehed illi s-soċjeta' attriċi kienet twettaq l-ispezzjonijiet tal-lifts fl-istabbiliment ta' Lombard Bank Malta plc u kkonferma li Lifts Services Limited hija l-kuntrattur tal-lifts ingaġġat mill-Bank li għandu obbligu li kull sitt xhur jassigura li ssir spezzjoni tal-lifts minn inġinier. Spjega wkoll li s-soċjeta' konvenuta tinforma lill-Bank bid-data tal-ispezzjoni filwaqt li l-Bank jagħti aċċess sabiex din titwettaq, u kkonferma li waqt l-ispezzjoni kien ikun hemm preżenti wkoll rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta. Ikkonferma wkoll illi l-invoice relattiv kien jinħareġ mis-soċjeta' konvenuta u r-relazzjoni tal-Bank kienet biss mal-istess soċjeta' konvenuta.

**Matthew Farrugia**, id-direttur maniġerjali tas-soċjeta' konvenuta, xehed illi l-kumpannija Lifts Services Limited kellha relazzjoni matul diversi snin mas-soċjeta' attriċi fejn kienet tqabbadha biex tagħmel l-ispezzjonijiet ta' lifts tal-klienti tagħha li jkunu waslu biex jiġu spezzjonati skont il-liġi. Ikkonferma wkoll li s-soċjeta' attriċi

---

[2] Ara skambju ta' korrispondenza ma' Lifts Services Limited biex jiġi skedati appuntamenti għall-ispezzjonijiet.
[3] Ara *template* Dok. BS1.
[4] Ara *template* Dok BS2.

hija waħda mill-ftit kumpanniji li huma akkreditati biex jagħmlu spezzjonijiet ta' lifts f'Malta.

Matthew Farrugia xehed illi l-proċedura fil-każijiet fejn is-soċjeta' attriċi kienet titqabbad biex twettaq l-ispezzjoni, kienet li s-soċjeta' konvenuta kienet tiffissa appuntament mal-klient bi ftehim mas-soċjeta' attriċi u kien imur rappreżentant mis-soċjeta' konvenuta biex jassisti lill-inġinier tas-soċjeta' attriċi matul l-ispezzjoni: id-dritt tal-inġinier f'każ ta' *preventive inspection* li ssir kull sitt xhur, huwa ta' €45 filwaqt li d-dritt f'każ fejn jeħtieġ *a thorough inspection* huwa ta' ċirka €120. Ikkonferma li f'kull każ, is-soċjeta' konvenuta kienet tibgħat hija stess il-kont lill-klient, liema kont ikun kompriż fih id-dritt tagħha kif ukoll id-dritt dovut lill-inġinier. Ikkonferma wkoll illi qatt ma kien hemm problemi biex is-soċjeta' attriċi titħallas dak li kien dovut lilha għall-ispezzjonijiet li kienet twettaq u s-soċjeta' konvenuta dejjem imxiet skont il-ftehim. Madankollu, fl-2017 bdew ifeġġu l-problemi meta s-soċjeta' konvenuta saret taf li s-soċjeta' attriċi kienet qed toħroġ *cheques* f'isem Marie Louise Cuschieri, impjegata tas-soċjeta' konvenuta. Irriżulta li kienet waqt il-ħin tax-xogħol tagħha, din l-impjegata kienet qiegħda tagħmel ukoll xi xogħol għall-istess soċjeta' attriċi. Hu kien sab *cheques* ammontanti għal iktar minn €2,500, maħruġin mis-soċjeta' attriċi f'isem l-imsemmija impjegata Marie Louise Cuschieri[5] u minħabba f'dan il-kunflitt ta' interess, is-soċjeta' konvenut kienet keċċietha mill-impieg tagħha.

Matthew Farrugia kkonferma li l-klienti li jinsabu indikati fil-lista Dok. A[6] huma kollha - ħlief għal uħud minnhom - klienti tas-soċjeta' konvenuta li huma abbonati magħha permezz ta' *maintenance contract*, iżda ma jistax ikun ċert jekk l-ispezzjonijiet li tagħhom qed jintalab il-ħlas f'din il-kawża, kienux fil-fatt twettqu. Xehed ukoll illi għalkemm kien talab lis-soċjeta' attriċi biex tgħaddilu kopja tar-rapporti tal-ispezzjonijiet li tagħhom qed jintalab il-ħlas, huwa qatt ma rċieva xejn. Minħabba l-kwistjoni tal-kunflitt ta' interess ta' Marie Louise Cuschieri, xpruna f'moħħu dubju u beda jissuspetta li bl-intervent tagħha, is-soċjeta' konvenuta setgħet

[5] Ara *cheques* u skambju ta' korrispondenza Dok. MF sa Dok. MF10 kif ukoll diversi rapporti ta' spezzjonijiet li saru mis-soċjeta' attriċi għal klienti li mhumiex klienti tas-soċjeta' konvenuta – Dok. MF11 u Dok. MF12.
[6] Anness mar-Rikors promotur, paġni 3, 4 u 5 tal-atti tal-kawża.

ukoll ħallset lis-soċjeta' attriċi għal ċertifikazzjoni ta' lifts li ma kienux ta' klienti tagħha. Madankollu, xehed illi mhux ċert għaliex kienu nħarġu c-*cheques* lill-impjegata u l-ħlas x'jirrappreżenta.

Iktar tard matul id-depozizzjoni tiegħu in kontro-ezami[7], Matthew Farrugia ikkonferma illi s-soċjeta' konvenuta kienet irċeviet il-ħlas mingħand il-klienti tagħha għall-ispezzjonijiet elenkati fil-lista Dok. A, iżda biex ikun ċert li verament saret l-ispezzjoni mill-inġinier, ried ikollu f'idejh kopja tar-rapport tal-inġinier.

Imbagħad, fid-depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami fis-7 ta' Novembru 2022, Matthew Farrugia reġa' biddel il-verżjoni u ppreżenta lista li fiha jinsabu indikati l-invoices li jikkonċernaw spezzjonijiet ta' lifts li m'humiex ta' klienti tas-soċjeta' konvenuta (Dok. MFX). Fir-rigward tal-kumplament tal-invoices li qed jintalab il-ħlas mis-soċjeta' attriċi, indikati fil-lista Dok. A, spjega li ma setax jivverifika jekk is-soċjeta' konvenuta kienetx tħallset mill-klienti għaliex fl-2016 kien inbidel l-*accounting software* u ma kienx għad hemm aċċess għar-*records* tal-ħlasijiet li kienu saru qabel il-bdil tas-sistema u lanqas wara. Fisser ukoll li s-soċjeta' konvenuta ma tibqax iżżomm *records* taċ-ċertifikazzjonijiet li jkunu saru u tiddisponi minnhom ġaladarba l-validita' taċ-ċertifikazzjoni tkun skadiet, għaliex huwa obbligu tal-klient iżomm il-prova li tkun saret iċ-ċertifikazzjoni tal-lift.

Rinfaċċjat b'diversi dokumenti li allegatament juru illi l-klienti li huwa indika f'Dok. MFX bħala persuni li m'humiex klienti tas-soċjeta' konvenuta, kienu fil-fatt klienti tagħha, Matthew Farrugia wieġeb li l-involviment tiegħu fis-soċjeta' konvenuta bdiet fl-2017 jew 2018 u ma jistax ikun jaf x'kienet is-sitwazzjoni qabel assuma l-kariga ta' direttur. Ikkonferma li 'LNG' kien klient tas-soċjeta' konvenuta iżda ma jaqbilx li sar il-*vessel inspection* fl-istatement Dok. A tirreferi neċessarjament għat-tanker LNG.

Ikkunsidrat;

[7] Xhieda tat-2 ta' Ġunju 2022, paġna 182 tal-atti tal-kawża.

Wara li għarblet ix-xhieda u l-provi, il-Qorti tislet is-segwenti konklużjonijiet:-

Hemm qbil illi l-ispezzjoni li twassal għaċ-ċertifikazzjoni tal-lift, tiġi organizzata mis-soċjeta' konvenuta bħala l-kuntrattur bi qbil mal-klient u mas-soċjeta' attriċi. Din l-ispezzjoni titwettaq mill-inġinier mibgħut mis-soċjeta' attriċi iżda bl-assistenza u fil-preżenza ta' *technician* jew rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, u jimtlew żewġ dokumenti b'rabta mal-ispezzjoni: wieħed mill-inġinier u l-ieħor mill-kuntrattur, fejn l-inġinier jgħaddi l-*preventive inspection checklist* lill-kuntrattur biex finalment tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa. Mhux kontestat lanqas illi l-kont finali jinħareġ mill-kuntrattur, ċioe' mis-soċjeta' konvenuta u jintbagħat lill-klient b'indikazzjoni separata tad-dritt dovut lill-inġinier u dak dovut lill-kuntrattur, u li l-ħlas jinġabar mis-soċjeta' konvenuta bl-obbligu li tgħaddi lis-soċjeta' attriċi l-ħlas tad-dritt tagħha.

Finalment, wara ħafna tidwir fil-verżjoni tiegħu, Matthew Farrugia, direttur tas-soċjeta' konvenuta, iddikjara fix-xhieda tiegħu li l-invoices kollha li s-soċjeta' attriċi qed titlob il-ħlas tagħhom, għajr dawk elenkati fil-lista Dok. MFX, jirrappreżentaw ċertifikazzjoni ta' lifts ta' klienti tagħha li dwarhom kienet twettqet spezzjoni mill-istess soċjeta' attriċi flimkien ma' addett tas-soċjeta' konvenuta. Ikkonferma wkoll li s-soċjeta' konvenuta kienet irċeviet il-ħlas tad-dritt dovut lis-soċjeta' attriċi fuq dawn iċ-ċertifikazzjonijiet.

Miżmum ferm ukoll il-fatt li, kif ġie stabbilit, id-dritt dovut lis-soċjeta' attriċi jitħallas mill-klient direttament lis-soċjeta' konvenuta abbażi ta' kont li jintbagħat mill-istess soċjeta' konvenuta wara li tkun ivverifikat ir-rapport tal-ispezzjoni u tkun inħarġet iċ-ċertifikazzjoni tal-lift relattiv, għall-Qorti din id-dikjarazzjoni ta' Matthew Farrugia fix-xhieda tiegħu tfisser illi s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi, li d-dritt għaċ-ċertifikazzjoni tal-lifts kollha imsemmija fil-lista Dok. A, **għajr għal dawk elenkati fil-lista Dok. MFX**, huwa dovut lis-soċjeta' attriċi u għandu jitħallas lilha mis-soċjeta' konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdu li s-soċjeta' konvenuta tistqarr illi safejn huma konċernati l-imsemmija klienti, hija kienet bagħtet il-kont u rċeviet il-ħlas tad-dritt tal-

inġinier, ifisser ukoll illi mhux meħtieġ li jiġi prodott ir-rapport ta' kull *lift inspection* li dwarha qed jintalab il-ħlas bħala prova li l-ispezzjoni verament saret, għaliex ix-xhieda ta' Matthew Farrugia hija prova biżżejjed tal-fatt li l-ispezzjoni mill-inġinier tas-soċjeta' attriċi fil-fatt saret.

Il-Qorti tifhem illi l-fiduċja tas-soċjeta' konvenuta fl-impjegata tagħha Louise Cuschieri, ġiet imminata serjament meta nkixef il-fatt illi setgħet kienet qiegħda taħdem mas-soċjeta' attriċi fil-ħin tax-xogħol tagħha ad insaputa tal-prinċipal tagħha, iżda fl-atti u l-provi kollha proċesswali ma riskontrat ebda ħjiel ta' xi tbagħbis fil-kontijiet jew xi rapporti ta' spezzjonijiet li qatt ma saru.  B'hekk ma tqisx li t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta hija f'lokha jew li tista' tiswa biex tinnewtralizza l-prova inkonfutabbli mnissla mill-ammissjoni fix-xhieda ta' Matthew Farrugia li l-invoices elenkati f'Dok. A huma dwar spezzjonijiet ta' lifts imwettqin mill-partijiet flimkien u l-ammonti dovuti ġew kollha imħallsin b'pagament magħmul direttament lill-istess soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi madankollu, għalkemm tqis illi l-prova tar-rapporti tal-inġinier tas-soċjeta' attriċi m'hijiex meħtieġa għas-suċċess tal-pretensjoni għall-ħlas tad-dritt dovut lis-soċjeta' attriċi fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-lifts **kollha** indikati fil-lista Dok. A, hija l-fehma tal-Qorti li din il-prova hi meħtieġa safejn għandhom x'jaqsmu ċ-ċertifikazzjonijiet elenkati f'Dok. MFX.  Dan qed jingħad għaliex is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li l-persuni u entitajiet indikati fil-lista Dok. MFX m'humiex klienti tagħha, jew ma kienux klienti tagħha fiż-żmien meta nħarġet iċ-ċertifikazzjoni li dwarha qed jintalab il-ħlas.

Illi fir-rigward, is-soċjeta' attriċi pproduċiet diversi dokumenti permezz ta' nota li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Jannar 2023, liema dokumenti hija ssostni għandhom juru illi, kuntrarjament għal dak li xehed Matthew Farrugia, il-klienti msemmija fil-lista Dok. MFX kienu wara kollox klienti tas-soċjeta' konvenuta.

- **181, Windwards, Tower Road, Sliema** : invoice no. 160, 7 ta' Mejju 2016 (Dok. A).

  Is-soċjeta' attriċi produċiet '*request for payment*' li hija bagħtet lis-soċjeta' konvenuta b'rabta ma' invoice bin-numru 0160/01/16 għall-ħlas ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni ta' lift istallat fl-indirizz fuq imsemmi, fis-somma ta' €45. Produċiet ukoll ir-rapport tal-ispezzjoni relattiva li nżammet fil-15 ta' April 2016, li l-ħlas tagħha qed tintalab f'din il-kawża, fost dokumenti oħrajn li juru li s-soċjeta' attriċi kienet wettqet spezzjoni fuq l-istess lift is-sena ta' qabel u li kienet ukoll irċeviet il-ħlas għal dik iċ-ċertifikazzjoni mingħand is-soċjeta' konvenuta (invoice no. 113/01/15) [8]. Fin-nuqqas ta' ebda prova li l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi għall-ispezzjoni tal-15 ta' April 2016 diġa' tħallas lilha, dan kollu magħdud hu bizzejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-persuna responsabbli għal dan il-lift kien klient tas-soċjeta' konvenuta u li l-ispezzjoni tal-istess lift u ċ-ċertifikazzjoni relattiva, twettqet mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

- **Novartis Pharma Ltd** : invoice 371, 8 ta' Ottubru 2016 (Dok. A).

  Fir-rigward, is-soċjeta' attriċi produċiet invoice bin-numru 0371/01/16, datat 8 ta' Ottubru 2016, għall-ħlas ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni ta' lift fis-somma ta' €45. Produċiet ukoll ir-rapport tal-ispezzjoni relattiva li nżammet fit-30 ta' Settembru 2016, li l-ħlas tagħha qed jiġi reklamat f'din il-kawża, fost dokumenti oħrajn li juru li s-soċjeta' attriċi kienet wettqet spezzjoni fuq l-istess lift is-sena ta' qabel u li kienet ukoll irċeviet il-ħlas għal dik iċ-ċertifikazzjoni mingħand is-soċjeta' konvenuta (invoice no. 0042/01/15)[9]. Fin-nuqqas ta' ebda prova li l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi għall-ispezzjoni li saret fit-30 ta' Settembru 2016, tħallas lilha diġa', dan kollu magħdud hu bizzejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-persuna responsabbli għal dan il-lift kien klient

[8] Dok. A1 sa Dok. A4.
[9] Dok. B1 sa Dok. B5.

tas-soċjeta' konvenuta u li l-ispezzjoni u ċertifikazzjoni tal-istess lift twettqet mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

- **Aġenzija Sapport – Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa** : (i) invoice 159, 7 ta' Mejju 2016; (ii) invoice 415, 1 ta' Novembru 2016; (ii) invoice 109, 22 ta' Mejju 2017, invoice (Dok. A).

  Is-soċjeta' attriċi produċiet invoice bin-numru 0159/01/16, datat 7 ta' Mejju 2016, invoice ieħor bin-numru 0415/01/16, datat 1 ta' Novembru 2016, u invoice ieħor bin-numru 0109/01/17, datat 22 ta' Mejju 2017, ilkoll għall-ħlas ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni ta' lift fis-somma ta' €45 kull waħda. Produċiet ukoll ir-rapporti tal-ispezzjonijiet relattivi li nżammu fil-15 ta' April 2016, fil-21 ta' Ottubru 2016 u fl-4 ta' Mejju 2017[10] rispettivament, reklamati f'din il-kawża, fost dokumenti oħrajn li juru li s-soċjeta' attriċi kienet wettqet żewġ spezzjonijiet oħra fuq l-istess lift fl-2015 u li kienet ukoll irċeviet il-ħlas mingħand is-soċjeta' konvenuta għaż-żewġ ċertifikazzjonijiet relattivi[11]. Fin-nuqqas ta' ebda prova li l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi għat-tliet ċertifikazzjonijiet skont l-invoices 159, 415 u 109 tħallsu lilha, dan kollu magħdud hu bizzejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-persuna responsabbli għal dan il-lift kien klient tas-soċjeta' konvenuta u li t-tliet spezzjonijiet u ċertifikazzjonijiet tal-istess lift li dwarhom qed jintalab il-ħlas, twettqu mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

- **Liliana Apartments** : invoice 488, 2 ta' Diċembru 2016 (Dok. A)

  Fir-rigward, is-soċjeta' attriċi produċiet invoice bin-numru 0488/01/16, datat 2 ta' Diċembru 2016, għall-ħlas ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni ta' lift fis-somma ta' €45. Produċiet ukoll ir-rapport tal-ispezzjoni relattiva li nżammet fil-25 ta' Novembru 2016, li dwarha qed jintalab il-ħlas f'din il-kawża, fost dokumenti oħrajn li juru li s-soċjeta' attriċi kienet wettqet spezzjoni fuq l-istess lift fis-sena ta' qabel u li kienet ukoll irċeviet il-ħlas għal dik iċ-ċertifikazzjoni mingħand

[10] L-ispezzjonijiet kollha saru fl-indirizz Aġenzija Sapport, Support Head Office, Blk. A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa – Dok. C2, paġna 223 tal-atti tal-kawża.
[11] Dok. C1 sa Dok. C12.

is-soċjeta' konvenuta (invoice no. 0388/01/15) [12]. Fin-nuqqas ta' ebda prova li l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi tħallas lilha, dan kollu magħdud hu bizzejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li l-persuna responsabbli għal dan il-lift kien klient tas-soċjeta' konvenuta u li l-ispezzjoni u ċertifikazzjoni tal-istess lift twettqet mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

- **Sea Vessel Inspection** – invoice 60/1/17, 30 ta' Mejju 2017 (Dok. A)
  Is-soċjeta' attriċi produċiet invoice bin-numru 60/1/17, datat 3 ta' Mejju 2017 għall-ħlas ta' "*Lift inspection on sea vessel*" u "*Office/Administrative charges*" fis-somma globali ta' €896.80. Produċiet ukoll ir-rapport ta' spezzjoni li nżammet fit-2 ta' Mejju 2017 fuq "*Marine Lift Installed on: LNG Arctic Discoverer IMO No. 9276389*", fost skambju ta' korrispondenza elettronika bejn id-direttur ta' O&S Shipping (ċertu Kurt Farrugia) u s-soċjeta' konvenuta b'talba biex jiġi skedat appuntament għaċ-ċertifikazzjoni tal-bastiment LNG Arctic Discoverer għall-ħabta tal-bidu ta' Mejju 2017, u stima tal-ispejjeż relattivi. Ġie esebit ukoll skambju ta' korrispondenza elettronika bejn Louise Cuschieri u Dion Scerri in konnessjoni ma' din l-istess spezzjoni, fejn jirriżulta li s-soċjeta' attriċi intalbet tipprovdi u fil-fatt ipprovdiet stima preventiva tad-dritt dovut għaċ-ċertifikazzjoni u tar-rati fis-siegħa għal vjaġġar u xogħol amministrattiv marbut maċ-ċertifikazzjoni. Dan kollu magħdud ftit iħalli dubju f'moħħ il-Qorti li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi hija wettqet l-ispezzjoni fuq il-lift ta' bastiment u li dan il-bastiment kien tassew il-LNG Arctic Discoverer indikat fir-rapport dwar l-ispezzjoni kif ukoll fl-iskambju ta' korrispondenza fir-rigward. Il-Qorti hi konvinta wkoll li l-persuna responsabbli għal dan il-lift kien klient tas-soċjeta' konvenuta u li l-ispezzjoni u ċertifikazzjoni tal-istess lift twettqet mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

Ikkunsidrat;

[12] Dok. D1 sa Dok. D5.

Illi għall-bqija, minkejja li s-soċjeta' konvenuta ddikjarat illi JSK, Police Headquarters, JYSK, ECB Catering, Cambridge Court u Actavis Marketing & Sales mhux klienti tagħha u ddikjarat ukoll li ma għandha fil-pussess tagħha ebda dokument li juri illi l-ispezzjoni u ċertifikazzjoni tal-lifts reġistrati f'isem dawn il-persuni u entitajiet saret bl-intervent tagħha, is-soċjeta' attriċi baqgħet ma ressqet ebda prova li tikkonvinċi lill-Qorti illi effettivament, il-kuntrattur ossia *maintenance contractor* li organizza dawn l-ispezzjonijiet kienet proprju s-soċjeta' konvenuta u mhux xi kuntrattur ieħor u li hija effettivament wettqet l-ispezzjonijiet relattivi.  Billi Dion Scerri xehed illi s-soċjeta' attriċi żżomm *database* b'lista tal-klienti li l-lifts tagħhom ikun waslu biex jiġu ċertifikati u kienet tieħu ħsieb tikkuntattja hija stess lill-kuntrattur biex jiġi skedat l-appuntament mal-klient sabiex issir l-ispezzjoni meħtieġa, il-Qorti tistenna li s-soċjeta' attriċi jkollha fil-pussess tagħha xi prova konsistenti f'*invoice*, *preventive inspection checklist* jew xorta ta' dokument ieħor bħal dawk li pproduċiet b'rabta mal-ispezzjonijiet l-oħra kontestati mis-soċjeta' konvenuta (elenkati f'Dok. MFX) biex tissostanzja l-pretensjoni tagħha li hija wettqet l-ispezzjoni relattiva fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta.

Iżda rinfaċċjata biċ-ċaħda tas-soċjeta' konvenuta li huwa dovut mingħandha xi ħlas in konnessjoni maċ-ċertifikazzjonijiet tal-klienti elenkati fil-lista Dok. MFX u rinfaċċjata bl-insistenza tagħha li tinġieb prova li effettivament saru l-ispezzjonijiet li wasslu għaċ-ċertifikazzjoni li għaliha qed jintalab il-ħlas, il-Qorti m'hijiex konvinta li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tissodisfa l-oneru tal-prova inkombenti fuqha li l-ħlas għaċ-ċertifikazzjoni tal-lifts tal-klienti appena msemmija, huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.  Tissenjala b'mod speċifiku li l-oneru li ssir prova fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili li l-ammont mitlub hu dovut mis-soċjeta' konvenuta, tispetta biss u unikament lis-soċjeta' attriċi.  Tassew huwa ftit spjegabbli kif - meta hija kienet taf li s-soċjeta' attriċi kienet qed tippretendi dan il-ħlas għaliex kienet ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 2018 ferm qabel għaddiet sena miċ-ċertifikazzjonijiet in diżamina – is-soċjeta' konvenuta ma żammitx *record* taċ-ċertifikazzjonijiet li dwarhom qed jintalab il-ħlas mis-soċjeta' attriċi.  Madankollu, il-fatt li s-soċjeta' konvenuta naqset milli tressaq provi dokumentarji biex turi li l-ispezzjonijiet ma sarux

fuq lifts ta' klienti tagħha, ma jfissirx neċessarjament li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha kif imiss għaliex kif ingħad, l-oneru tal-prova jinkombi lis-soċjeta' attriċi li qiegħda tirreklama l-ħlas, u mhux il-konvenut li jiċħad din il-pretensjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas tas-soċjeta' attriċi li tressaq bħala prova d-dokumenti li juru li l-ispezzjoni twettqet u li l-kuntrattur involut fl-istess spezzjoni li waslet għaċ-ċertifikazzjoni tal-lifts ta' JSK, Police Headquarters, JYSK, ECB Catering, Cambridge Court u Actavis Marketing & Sales, huwa tassew is-soċjeta' konvenuta u mhux kuntrattur ieħor, huwa wieħed fondamentali li jfisser li t-talba tagħha għall-ħlas tad-dritt relattiv pretiż għal dawn l-ispezzjonijiet, fis-somma ta' €45 kull spezzjoni, mhux mistħoqqa. Konsegwentement, is-somma komplessiva ta' €270[13] sejra titnaqqas mis-somma sħiħa pretiża mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors promotur.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' biss parzjalment it-talba tas-soċjeta' attriċi S&A QUALITY ASSURANCE SURVEYORS LIMITED u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta LIFTS SERVICES LIMITED tħallasha s-somma ta' ħamest elef, erba' mija u erbgħin Euro u tletin ċenteżmu (€5,440.30) għar-raġuni mogħtija fir-Rikors promotur.**

**L-ispejjeż kif mitlub jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[13] €45 x 6 spezzjonijiet.